# ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI

## Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu

## It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

## L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji 2017

| | | |
|---|---|---|
| Ir-Raba' Sena | IL-MALTI<br>(Il-Fehim mill-Qari u l-Kitba) | Il-Ħin: Siegħa u Kwart |

L-isem u l-kunjom: ______________________________ Il-klassi: _________

| Il-Marki | |
|---|---|
| Il-Fehim mill-Qari | Il-Kitba |
| ______<br>30 marka | ______<br>30 marka |

Aqra sew dan li ġej:

- Ikteb ismek, kunjomok u l-klassi.
- Qabel tikteb it-tweġiba, aqra u ifhem sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn. Imbagħad erġa' ppruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Qis li ma tħalli barra xejn.

IL-FEHIM MILL-QARI

**A. Aqra dan l-avviż.**

# INTILEF NUĊĊALI



Tifla ta' ħames snin tilfet in-nuċċali tal-vista waqt li kienet qiegħda tilgħab fuq ir-ramel fil-bajja tal-Mellieħa. In-nuċċali huwa ta' kulur blu u bil-lentijiet ovali. Fil-ġenb ta' waħda mis-saqajn tan-nuċċali hemm stilla żgħira lewn il-fidda. Min isib dan in-nuċċali għandu jċempel fuq in-numru tat-telefown 33446622. Bħala rigal lil min isib in-nuċċali u jagħtihulhom, il-ġenituri tat-tifla se jagħtu nuċċali tax-xemx li jiswa €50.



**Wieġeb il-mistoqsijiet fuq l-avviż li qrajt.**

**1.** Ikteb fil-kaxxa l-vojta jekk hux **Veru** jew **Falz**. L-ewwel waħda hija eżempju. (3 marki)

| | | |
|---|---|---|
| **a.** | It-tifla li tilfet in-nuċċali għandha għaxar snin. | ___Falz___ |
| **b.** | Il-lentijiet tan-nuċċali li ntilef huma ovali. | ___________ |
| **ċ.** | In-nuċċali ntilef fuq ir-ramel. | ___________ |
| **d.** | In-nuċċali li ntilef kien tax-xemx. | ___________ |

**2.** Immarka b'√ il-kaxxa ħdejn it-tweġiba t-tajba. (3 marki)

(a) Dan l-avviż huwa fuq

(i) ir-rigali li jagħtu l-ġenituri. ☐
(ii) nuċċali li ntilef. ☐
(iii) tifla ta' ħames snin li ntilfet il-Mellieħa. ☐

(b) L-avviż jgħid li min isib in-nuċċali għandu

(i) jżommu għalih. ☐
(ii) jċempel fuq numru tat-telefown speċjali. ☐
(iii) jċempel lill-pulizija. ☐

(ċ) Min isib in-nuċċali

(i) se jingħata €50. ☐
(ii) rigal kbir u sabiħ. ☐
(iii) nuċċali tax-xemx li jiswa €50. ☐

**3.** Kieku kellek issib in-nuċċali, semmi żewġ affarijiet li minnhom tagħraf in-nuċċali ta' din it-tifla. (2 marki)

(i) ________________________________________________

(ii) ________________________________________________

**4.** Kieku kellek titlef xi ħaġa għal qalbek ġor-ramel, għid x'kont tagħmel biex issibu.
(2 marki)

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________



B. Aqra l-istorja **Xixu l-qanfud imqareb.**



Xixu huwa qanfud ċkejken li jgħix m'ommu u żewġ ħutu ġo bejta f'ħofra ċkejkna f'għalqa mwarrba. Xixu kien ilu rieqed f'dik il-ħofra x-xitwa kollha u issa xeba'. Issa m'għadhiex tagħmel xita għax dieħel is-sajf u Xixu ried jibda joħroġ waħdu sabiex jara x'hemm barra. "Oqgħod attent, Xixu!" qaltlu ommu xħin ratu ħiereġ waħdu f'nofs ta' lejl. "Hawn ħafna perikli fit-toroq." **(paragrafu 1)**

Il-qamar kien beda tiela' u Xixu bilkemm ta kas x'qaltlu ommu. Warrab ftit miz-zkuk nixfin li kien hemm fil-bejta tagħhom sabiex ikun jista' jgħaddi u beda miexi 'l barra bla ma ħares lura. "X'riħa tfuħ ta' ħaxix u x'arja friska hawn barra!" qal bejnu u bejn ruħu. **(paragrafu 2)**

F'daqqa waħda minn ġol-ħaxix niexef jisma' ħoss li ħasdu u f'kemm trodd salib ingħalaq f'ballun u rrombla 'l bogħod minn dak il-ħoss stramb. Xħin waqaf jirrombla jsib ruħu ħdejn ħajt baxx fi triq lixxa u sewda. Beda jiftakar f'dak li qaltlu ommu qabel ma ħareġ; imma ta' qanfud imqareb li kien, bejnu u bejn ruħu qal, "Jien issa kbirt; naf niddefendi ruħi u ħadd mhu se jagħmilli xejn. Għandi 500 xewka ma' dahri. Jekk xi ħadd jersaq lejja nniggżu bihom." **(paragrafu 3)**

F'nofs it-triq lixxa u sewda li kien għaddej minnha, kien hemm bebbuxu. Xixu waqqħetlu żaqqu għax il-bebbux kien l-ikla favorita tiegħu. Għalhekk erħielha lejn nofs it-triq xħin f'daqqa waħda jħoss riesaq lejh dell kbir b'ħoss qawwi li qatt ma sema' bħalu. Minnu kien ħiereġ dawl li għamieh u twerżiqa qawwija sadditlu widnejh. **(paragrafu 4)**

Xixu kien pront u sar ballun; imma din id-darba ma laħaqx irrombla. Xħin jiftaħ għajnejh isib ruħu f'par idejn kbar li qatt ma ra bħalhom.

"Kemm hu ħelu, mnalla lħaqna żammejna l-brejk u waqafna. Ejja naqsmulu t-triq," qalet Rebecca lil ommha. **(paragrafu 5)**

Dak il-ħin Xixu ftakar f'ommu u fil-kliem li qaltlu qabel ħareġ. **(paragrafu 6)**



**1.** Aqta' sing taħt it-tweġiba t-tajba. (3 marki)

**a.** Xixu l-qanfud jorqod matul (ir-rebbiegħa, ix-xitwa, is-sajf).

**b.** Il-bejta ta' Xixu kienet magħmula minn (weraq kbir, tajjar fin, zkuk nexfin).

**ċ.** Dakinhar tal-istorja Xixu ħareġ (waħdu, ma' ommu, maż-żewġ ħutu).

**2.** Poġġi dawn is-sentenzi fl-ordni li ġraw wara xulxin billi tikteb in-numri fil-kaxxi. L-ewwel waħda hija lesta. (3 marki)

| | |
|---|---|
| Xixu ra dawl qawwi li għamieh. | |
| Xixu sab ruħu f'par idejn kbar li qatt ma ra bħalhom. | |
| Omm Xixu avżatu biex joqgħod attent mill-perikli. | **1** |
| Xixu ra bebbuxu f'nofs it-triq. | |

**3.** Imla l-vojt bil-kelma t-tajba li toqgħod skont is-silta. (3 marki)

a. Xħin ħareġ mill-bejta Xixu ħa gost ixomm il-ħaxix u __________friska.

b. L-ikel favorit ta' Xixu huwa l- __________.

ċ. Xixu ħaseb li issa __________ u seta' jiddefendi ruħu.

**4.** Ta' min kienu dawk l-idejn kbar li qatt ma kien ra bħalhom?

__________(2 marki)

**5.** X'taħseb li kien se jiġrilu Xixu meta kien fit-triq?

__________(2 marki)

**6.** Xi tfisser **waqqħetlu żaqqu** fis-sentenza f'paragrafu 4: 'Xixu **waqqħetlu żaqqu** għax il-bebbux kien l-ikla favorita tiegħu'?

__________

__________(2 marki)

**7.** X'taħseb li tgħallem Xixu wara dak kollu li ġralu?

______________________________________________________________

______________________________________________________(2 marki)

**Marki għal tweġibiet mingħajr żbalji fil-kitba: _____ minn 3 marki.**
**Għall-użu tal-għalliema BISS.**

**IL-KITBA**

**A. IL-GRAMMATIKA U L-ORTOGRAFIJA (10 marki)**

**1. Aqra dan il-paragrafu u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

Luca joqgħod f'raħal ċkejken jismu Ħal Warda. Missieru jsewwi ż-żraben f'ħanut żgħir ħafna. Huwa jsewwi 20 żarbuna kuljum. Fis-sajf Luca jħobb jgħin lil missieru fil-ħanut.

| | | |
|---|---|---|
| **a.** | Mill-paragrafu sib u ikteb **nom fil-maskil**. | ______________________ |
| **b.** | Mill-paragrafu sib u ikteb **nom propju**. | ______________________ |
| **ċ.** | Xi nsejħulu lil min isewwi ż-żraben? | ______________________ |
| **d.** | Ikteb il-plural ta' **żarbuna**. | ______________________ |
| **e.** | Ikteb fi kliem in-numru **20**. | ______________________ |
| **f.** | Mill-paragrafu sib u ikteb **aġġettiv.** | ______________________ |

**2. Imla l-vojt bil-kelma t-tajba.**

| | | |
|---|---|---|
| **a.** | ________ il-flokk bħal tiegħi. | Din/ Dan |
| **b.** | It-tifel _________ fil-baħar. | qabeż/ qabes |
| **ċ.** | Samwel iħobb __________ frotta kuljum. | kiel/jiekol |

**3. Agħżel il-verb minn din is-sentenza u ikteb l-għerq fil-kaxxa. L-ewwel waħda lesta.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **a.** | Daniel silef il-ktieb lil ħuh. | silef | s-l-f |
| b. | Il-kelb xorob l-ilma kollu. | | |

## B. IL-KITBA TA' MESSAĠĠ (3 marki)

**Inti u l-mamà naddaftu l-kamra tiegħek u warrabtu ħafna ġugarelli li m'għadekx tuża. Ikteb reklam qasir sabiex tħajjar lil xi ħadd ieħor jixtrihom bi prezz irħis.**

______________________________



______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

Titlu - Għid x'se tbigħ.

Tista' tgħid:

- Il-kundizzjoni tagħhom.
- Għal min huma tajbin
- Il-prezz.
- In-numru biex iċċempel.

Ċ. IL-KITBA TA' STORJA

**Agħżel WAĦDA minn dawn l-istejjer u ikteb bejn 70 u 100 kelma fuqha.**



**1. Kemm ħadt gost insajjar dakinhar!**

Ikteb storja fuq meta qgħadt issajjar.

*Ma' min kont? X'sajjart? Għaliex sajjart inti? X'kellek bżonn biex issajjar? Kif ġie l-ikel? Min kiel minnu? Għaliex ħadt gost issajjar?*

**JEW**



**2. Meta mort piknik.**

Irrakkonta storja fuq meta mort piknik.

*Meta mort? Ma' min kont? X'ħadtu magħkom? X'għamiltu waqt il-piknik? Ħadt gost? X'se tibqa' tiftakar l-aktar?*

Ċ.i. Agħmel il-pjan tal-istorja li għażilt fl-ispazju t'hawn taħt. (2 marki)

Storja _________ (Ikteb 1 *jew* 2)

Ċ.ii. Uża l-pjan tiegħek biex tikteb l-istorja li għażilt. (15-il marka)

L-istorja għandha tkun bejn 70 u 100 kelma. Ikteb sabiħ u tajjeb.

- Tmiem il-Karta –